2026/354

13.2.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/354

tal-11 ta' Frar 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/144 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/144 [1] li taħtar lis-Sur Peter SØRENSEN bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2026.

(2) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ta' 24 xahar u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2026 sad-29 ta' Frar 2028.

(3) Il-mandat tar-RSUE ser ikopri d-Djalogu bejn Belgrad u Pristina.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2025/144 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

1. Is-Sur Peter SØRENSEN huwa b'dan maħtur bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina mill-1 ta' Frar 2025 sat-28 ta' Frar 2026.

2. Il-mandat tas-Sur Peter SØRENSEN bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina huwa estiż sad-29 ta' Frar 2028.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE (il-'mandat') jintemm qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-'Rappreżentant Għoli').".

(2) Fl-Artikolu 5(1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2026 sad-29 ta' Frar 2028 għandu jkun ta' EUR 4 541 621,22.".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/144 tas-27 ta' Jannar 2025 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina (ĠU L, 2025/144, 28.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/144/oj).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS